Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru:- 435/2010AE

**Ryan Barbara[I.D. 51779M], Brandeen Ciappara[I.D. 564279M], Northon Barbara[I.D. 268181M], Roberta Callus[I.D. 84579M] ghan-nom ta' minuri Lani Barbara Callus[I.D. 471200L] ilkoll ulied u werrieta tal-mejjet Joseph Barbara[I.D. 196855M]**

**vs**

**Pavin Ltd [C 29292]**

L-Erbgha, 18 ta' Novembru 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-29 ta' April 2010, l-atturi ppremettew u talbu:-

*1. Peress illi l-atturi huma l-werrieta ta' Joseph Barbara li kien impjegat mas-socjeta' konvenuta;*

*2. Peress illi bhala employer tad-decujus Joseph Barbara, s-socjeta' konvenuta naqset fid-dmir taghha li tizgura li jittiehdu l-mizuri u l-prekawzjonijiet ragonevoli kollha sabiex l-ambjent tax-xoghol li fih huwa kien jahdem jkun ragonevolment favorevoli ghas-sahha u hieles, sa fejn huwa evitabbli, minn dak li jikkaguna tensjoni fisika jew psikologika (Art. 8(1)(b) tal-Kap 367 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*3. Peress illi bhala employer tad-decujus Joseph Barbara s-socjeta' konvenuta naqset milli tiehu dawk il-mizuri kollha prattici ragonevoli sabiex tizgura s-sahha tieghu fuq ix-xoghol u naqset milli zzomm sistema ta' xoghol li jkun, b'mod prattiku u ragonevoli, minghajr perikolu u minghajr riskju ghas-sahha tal-istess Joseph Barbara (Art 49(1) u (3)(a) tal-Avviz Legali 52 tal-1986);*

*4. Peress li minhabba n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta fl-esercizzju tad-dmirijiet taghha fuq riferiti bhala employer tad-decujus kif ukoll htija tal-imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti da parti taghha (Art. 1031 u 1032(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta), l-istess Joseph Barbara waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu fuq ix-xoghol bhala impjegat tas-socjeta' konvenuta huwa tilef hajtu f'incident li sehh nhar it-30 t'Ottubru, 2007, fi Triq 29 ta' Mejju 1952, Tarxien kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt;*

*5. Peress illi konsegwenza ta' dawn il-fatti, l-atturi garrbu danni li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*6. Illi s-socjeta' konvenuta, interpellata permezz ta' ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru 2009, biex taghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-atturi, baqghet inadempjenti.*

Ghaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-ragunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. ghar-ragunijiet kollha premessi, tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha naxxenti mill-incident li sehh nhar it-30 t'Ottubru 2007 fi Triq 29 ta' Mejju 1952, Tarxien fejn Joseph Barbara tilef hajtu waqt il-qadi ta' dmirijiet tieghu fuq ix-xoghol bhala impjegat tas-socjeta' konvenuta;*

*2. tillikwida d-danni tal-atturi occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

*3. tikkundannaha sabiex thallas lill-atturi dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilhom in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Ottubru 2009, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' risposta prezentata fid-29 ta' Settembru 2010, is-socjeta' konvenuta wiegbet:-

*1. Preliminarjament, Roberta Callus trid tipprova illi hija setghet tagixxi ghan-nom ta' bintha minuri u r-rikorrenti kollha jridu jippruvaw li fil-fatt huma ulied id-decujus Joseph Barbara;*
*2. L-ewwel talba tar-rikorrenti proprio et nomine ghandha tkun michuda stante li l-incident de quo ma garax tort tas-socjeta' intimata izda ghal ragunijiet imputabbli lill-mejjet Joseph Barbara;*
*3. It-tieni talba tar-rikorrenti proprio et nomine ghandha tkun rigettata wkoll billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti;*
*4. Isegwi ghalhekk li anke t-tielet talba ghandha tkun michuda stante li s-socjeta' intimata m'ghandiex tkun ikkundannata thallas danni lir-rikorrenti proprio et nomine;*
*5. Illi fi kwalsiasi kaz u assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jistghux ikunu dovuti imghaxijiet kif mitlub mill-atturi hlief mid-data tas-sentenza;*

Il-qorti semghet it-trattazzjoni li saret fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2015 u rat l-atti.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. Il-kawza titratta dwar incident li sehh fuq il-post tax-xoghol fit-30 ta' Ottubru 2007 u li fih miet Joseph Barbara, impjegat tas-socjeta konvenuta. Hu kien jinsab fuq il-bejt tal-blokk bini gholi erba' sulari. Fit-triq kien hemm krejn li bih kienet qeghda tittella' t-torba. Fuq il-bejt kien hemm opramorta. Dakinhar il-krejn kien qieghed joperah Kevin Fenech, direttur tas-socjeta konvenuta. Jidher li waqt dan il-process Joseph Barbara kien tela' fuq xi bricks (ara ritratt numru 41 a fol. 192). F'dan ir-rigward David Saliba xehed[1]:-

    - *"Dakinhar il-krejn kienet qed ittella' materjal minn isfel ghal fuq, u sussegwentement is-sur Barbara li kien fuq is-sular ta' fuq mal-opramorta, kien qed jiggwida lill-krejn operator fejn ghandu jigi bil-gip u sussegwentement hu kien jilqa' u jimmanuvra l-bajla sabiex hu jkun jista' jaghfas il-lever halli l-materjal johrog borg u mbaghad jippostjawh fejn iridu"* (fol. 177);

[1] Kap tat-Taqsima Teknici fl-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta (seduta tas-6 ta' Gunju 2014).

- *"Pero' wara l-opramorta kien hemm numru ta' bricks illi hu kien telgha fuqhom, cioe' l-mejjet, sabiex ikun jista' jilhaq ghal bajla u jidderigiha biex it-torba jkun jista' jpoggiha fuq il-bejt"* (fol. 178). F'dan ir-rigward qal ukoll li *"… hu zgur li kien qed jitla' fuqhom*[2] *ghax kien hemm il-footprints max-xahx…"* (fol. 180).

Waqt dan ix-xoghol Joseph Barbara waqa' gholi ta' erba' sulari u miet fil-post. Il-*crane operator* kien Kevin Fenech, direttur tas-socjeta konvenuta[3].

2. Ghal dak li jirrigwarda l-principji legali skond ir-*Regolamenti dwar Disposizzjonijiet General dwar is-Sahha u s-Sigurta' Fuq il-Post tax-Xoghol* (Legislazzjoni Sussidjarja 424.18):

i. Il-principal ghandu d-dmir *"…………. li jizgura s-sahha u s-sigurta' tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol"* (regolament 4);

ii. *"(1) Ghandu jkun id-dmir ta' kull haddiem li jiehu hsieb kemm jista' jkun is-sahha u s-sigurta' tieghu stess kif ukoll dawk ta' persuni ohrajn li jistghu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tieghu skond it-tahrig u l-istruzzjonijiet moghtija minn min ihaddem".*

3. Is-socjeta konvenuta ssostni li ma kinitx tahti ghall-incident ghaliex kien Joseph Barbara li minn jeddu tela' fuq il-bricks biex jaqbad il-bajla tal-krejn. Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:

i. Mir-ritratti li hemm fl-atti ma jidhirx li l-konvenuta kienet qeghda taghti importanza li tizgura li l-impjegati jahdmu f'ambjent sigur. F'dan ir-rigward issir riferenza ghar-ritratti numru 6 fejn jidher tarag minghajr *safety protection rail* (fol. 183), ritratti numru 7 u 49 fejn jidhru *lift shafts* miftuhin (fol. 183 u fol. 194), u ritratt numru 50 fejn tidher apertura (fol. 194) fejn jidher il-periklu car li kien hemm fis-sit ta' kostruzzjoni. Minn dawn ir-ritratti hu evidenti li fis-sit in kwistjoni l-kumpannija konvenuta naqset milli tizgura s-sahha u sigurta tal-haddiema li jahdmu maghha. Il-prova hi cara li l-konvenuta ma kinitx qeghda toffri impjegati taghha *a safe environment*. Sahansitra jirrizulta li b'sentenza tal-1 ta' Dicembru 2010[4] il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ddikjarat lid-diretturi tal-kumpannija konvenuta hatja li dakinhar tal-incident fatali naqsu milli jharsu

[2] Ix-xhud qieghed jirreferi ghall-*bricks* li jidhru ma' gemb l-opramorta.

[3] Quddiem it-tabib Dr Mario Scerri, tabib forensiku li nhatar fl-inkjesta magisterjali, Kevin Fenech xehed: *"Jien kont qieghed nopera l-crane bin-numru ABP 656 waqt li sehh l-incident fi Triq 29 ta' Mejju 1592 fejn tilef hajtu Joe Barbara. Jien tellajt il-bajla u kif dawwartha ghal fuq il-bejt Joe sporga ruhu u forsi xxabbat xi ftit iz-zejjed u l-bajla haditu"* (fol. 48).

[4] **Il-Pulizija vs Paul Fenech et**.

s-sahha u sigurta tal-impjegati taghha, fosthom mizuri necessarji sabiex waqghat mill-gholi jkunu evitati (fol. 169).

ii. Ir-regolamenti ta' sigurta' li ghandhom jigu osservati mill-principal huma ntizi wkoll sabiex jaghmlu tajjeb ghal dizattenzjoni tal-impjegat. F'dan il-kaz hu evidenti li l-operatur tal-krejn, Kevin Fenech[5], kien qieghed jara b'ghajnejh lil Joseph Barbara fil-posizzjoni li ha waqt li kienet qeghda tittella' t-torba fuq il-bejt. Mir-ritratt numru 35 a fol. 190 jirrizulta li l-kabina tal-krejn li fiha kien jinsab Fenech, ghandha s-saqaf trasparenti. Ghalhekk zgur li kellu vizwali tal-konvenut. Tant hu hekk li xehed li waqt li kien qieghed jopera l-krejn, Barbara ***".... ried ikun vicin l-opramorta biex jaghmilli s-sinjali"*** (fol. 98). Ghall-qorti dan jista' jfisser biss li Kevin Fenech kien qieghed jara lil Barbara fit-tarf tal-bejt jaghmillu s-sinjali hu u jtella' l-bajla fuq il-bejt sabiex jinhatt il-materjal. Jidher ukoll li meta sehh l-incident kienet diga' ttellghet torba fuq il-bejt (ara ritratt numru 41, fol. 192). Ghaldaqstant fuq bazi ta' probabilta' Fenech kien ilu ghal certu hin jara lil Joseph Barbara jesponi ruhu ghall-periklu car. Il-principal kellu d-dmir li jieqaf minnufih u jordna lill-konvenut jinzel minn hemm. Hu evidenti li l-principal baqa' passiv, u anzi l-qorti tasal biex tghid li approva minn dak li kien qieghed isehh quddiem ghajnejh. Dan fih innifsu jesponi lis-socjeta konvenuta ghar-responsabbilta'. M'hemmx dubju li dan ma kienx kaz fejn l-impjegat ghamel xi haga mprevedibbli u li l-principal ma kienx qieghed jistenna.

iii. Il-qorti temmen ukoll li l-posizzjoni tal-krejn[6] fit-triq wassal sabiex meta l-bajla tittella' ghal fuq il-bejt parti minnha tkun tisporgi fuq l-opramorta [ara ritratti 30 (fol. 189), 33 (fol. 190) u 41 (fol. 192)]. Dan wassal ghal sitwazzjoni li l-bajla kienet qeghda titnizzel proprju max-xifer tal-bejt. Tant dan hu minnu li Kevin Fenech xehed:

*"Qed nigi mistoqsi jekk il-bajla setatx tiddahhal sa nofs il-bejt fejn kien qed isir ix-xoghol biex Joseph Barbara ma kienx ikollu bzonn jersaq lejn ix-xifer. Nghid li fic-cirkostanza t'hemm hekk, le. Ir-raguni, li ghandek il-gibb miftuh kollu u qed tahdem go triq dejqa. Allura inti x'hin tigi biex tmejjel u tigi ghal nofs il-bejt, il-gibb ser jahbatlek mal-opramorta. Dan minhabba s-sit partikolari kif kien. U xorta kieku kienet tidhol sa nofs il-bejt il-bajla xorta ried ikun vicin l-opramorta biex jaghmilli s-sinjali"* (fol. 97).

---

[5] Xehed li hu wiehed mid-direttur tas-socjeta konvenuta; *"Nghid jiena l-aktar wiehed attiv bhala direttur jigifieri niehu hsieb kollox jien peress li d-direttur l-iehor hareg il-flus per jien niggestixxi hafna mx-xoghol"* (fol. 92).

[6] Vicin il-faccata tal-blokk bini.

Fattur li espona lil Joseph Barbara ghall-periklu u li fil-fehma tal-qorti kien jobbliga lill-principal li jiehu mizuri sabiex tigi salvagwardjata s-sigurta tal-haddiema li kienu qeghdin jahdmu fuq il-bejt.

Hu minnu li kien hemm l-opramorta, pero' fil-punt fejn kienet qeghda titnizzel il-bajla l-opramorta kienet gholja biss *cirka* 3 filati u nofs (ara ritratti 41 u 43 a fol. 192). Fil-fehma tal-qorti dan ma kienx sufficjenti sabiex joffri protezzjoni lill-haddiema li kienu qeghdin jahdmu vicin ix-xifer tal-bejt, iktar u iktar meta tqies it-toqol tal-bajla bil-materjal li kien hemm fiha. Il-qorti hi tal-fehma li rrispettivament mill-fatt li Joseph Barbara jidher li tela' fuq bricks, l-gholi tal-opramorta fejn kienet qeghda titnizzel il-bajla ma kienx joffri sigurta' adegwata lill-haddiema li kienu qeghdin jahdmu vicin it-tarf tal-bejt.

iv. Min-naha l-ohra hu evidenti li Joseph Barbara ma hax hsieb is-sigurta' personali tieghu u espona lilu nnifsu ghall-iktar periklu meta mill-provi jidher li tela' fuq numru ta' bricks waqt li kienet qeghda tittella' t-torba. Dan meta l-vittma kien qieghed jahdem fit-tarf tal-bejt. Irrispettivament jinghatax tahrig jew le, haddiem ghandu dejjem jiehu prekawzjonjiet bazici sabiex ma jiehux riskji bla bzonn. M'hemmx dubju li Barbara kien jaf li bil-posizzjoni li ghamel zied il-periklu. Hu fatt li meta tela' fuq il-bricks, l-istabbilta ma baqatx l-istess bhallikieku baqa' bilwieqfa fuq l-art. Fic-cirkostanzi il-qorti issib li hemm htija kontributorja tal-vittma li qeghda tiffissa f'rata ta' 25%.

4. Fid-data tal-mewt Joseph Barbara kellu 52 sena. Mill-provi ma rrizultax x'kien is-salarju tieghu. Kevin Fenech xehed li Barbara kien jahdem bhala *part-time labourer* tlett ijiem fil-gimgha. Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq il-paga minima nazzjonali ghall-persuni ta' iktar minn 18 il-sena. Kieku baqa' haj il-vittma wasal biex jaghlaq l-eta' pensjonabbli. Il-qorti ser taddotta multiplier ta' tmien (8) snin meta tqies li f'dan l-ezercizzju qieghed jigi previst x'seta' gara mid-data tal-incident ' quddiem. Ghalhekk id-danni qeghdin jigu likwidati fis-somma ta' **erba' u ghoxrin elf erba' mija u erba' u tletin ewro**:-

€64,833.52[7] - 25%[8] - 33%[9] - 25%[10] = **€24,434[11]**.

---

[7] Dhul ghal seba' snin mis-sena 2008-2015, bazat fuq il-paga minima skond *National Minimum Wage National Standard Order* (Legislazzjoni Sussidjarja 452.71).
[8] Tnaqqis ghall-konsum personali.
[9] Tnaqqis biex tqies il-grad ta' dipendenza. Jirrizulta li l-atturi huma wlied il-vittma u jidher li fid-data tal-mewt kellu tifla minuri (ara deposizzjoni tal-attur Brian Barbara fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2001 fol. 91).
[10] Tnaqqis minhabba htija kontributorja.

5. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni l-qorti tosserva:-

   (a) Gialadarba m'hemmx kontestazzjoni li Roberta Callus hi omm Lani Barbara Callus, ghandha dritt li tagixxi bhala l-persuna li skond il-ligi ghandha s-setgha ta' genitur.
   (b) L-atturi huma wlied il-vittma[12].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
2. **Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tiddikjara li s-socjeta konvenuta hi responsabbli ghall-incident fatali li sehh fit-30 ta' Ottubru 2007 li fih miet Joseph Barabara, b'dan li tiddikjara wkoll li kien hemm htija kontributorja min-naha tal-vittma kif stabbilit hawn fuq.**
3. **Tichad it-tielet u raba' eccezzjonijiet u:-**

   **(i) Tillikwida d-danni fis-somma ta' erba' u ghoxrin elf erba' mija u erba' u tletin ewro (€24,434);**
   **(ii) Tikkundanna lis-socjeta kovenuta thallas lill-atturi s-somma ta' erba' u ghoxrin elf erba' mija u erba' u tletin ewro (€24,434), bl-imghax mil-lum.**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 25% a karigu tal-atturi u 75% a karigu tal-kumpannija konvenuta.**

Anthony Ellul.

---

[11] M'hemmx lok ta' tnaqqis ghal *lump sum payment* gialadarba l-perjodu ta' tmien snin stabbilit bhala multiplier, diga' ghadda.

[12] Ara certifikati tal-mewt (fol. 99-102). Jirrizulta wkoll li Joseph Barbara miet intestat (fol. 63 u 64) u ghalhekk skond il-ligi jirtuh uliedu.